# L-ATT DWAR L-AWTONOMIJA PERSONALI

## X'INHI DIN IL-LIĠI L-ĠDIDA?



Din il-liġi l-ġdida jisimha **l-Att dwar l-Awtonomija Personali**.



**L-awtonomija** hi meta tkun tista' tagħmel l-għażliet tiegħek u tagħmel l-affarijiet waħdek, mingħajr ma xi ħadd ieħor jgħidlek x'għandek tagħmel.



Din il-liġi ħa toħloq mod ġdid kif persuni b'diżabilità jirċievu għajnuna biex jieħdu deċiżjonijiet.




Dan il-mod ġdid jissejjaħ it-**Teħid Appoġġjat ta' Deċiżjonijiet** (Supported Decision-Making).



Din il-liġi ser tibda taħdem f'Malta.

# X'TGĦID IL-LIĠI BĦALISSA?



Bħalissa, jekk persuna b'diżabilità għandha bżonn għajnuna biex tieħu deċiżjonijiet, il-qorti tista' tagħżel xi ħadd biex jgħinha.



Din il-persuna tissejjaħ **Kuratur**.



Il-Kuratur jista' jieħu ftit deċiżjonijiet jew id-deċiżjonijiet kollha għalik.



Jekk il-Kuratur jieħu d-deċiżjonijiet kollha, dan jissejjaħ Interdizzjoni.



Jekk il-Kuratur jieħu biss xi deċiżjonijiet, dan jissejjaħ Inabilitazzjoni.



F'dawn iż-żewġ każijiet, il-Kuratur jieħu d-deċiżjonijiet minflokok.



Xi kultant, Bord speċjali li jismu l-Bord dwar il-Kustodja jgħin minflok il-qorti. **Il-Bord dwar il-Kustodja** huwa grupp ta' persuni li jistgħu jagħżlu għalik il-persuni li jieħdu ħsiebek. Il-persuni li jgħinuk u jieħdu ħsiebek jissejħu **kustodji** (guardians).



**Il-Kustodju** (Guardian) jgħinek tieħu d-deċiżjonijiet tiegħek.



Imma finalment, l-aħħar deċiżjoni tkun dejjem tal-Kustodju (Guardian).

## X'IRRIDU NBIDDLU?



Irridu nbiddlu din il-liġi.




Irridu nieqfu nużaw l-Interdizzjoni, l-Inabilitazzjoni u l-Kustodja (Guardianship). Jiġifieri, irridu nwaqqfu lill-persuna li tieħu ħsiebek milli tieħu d-deċiżjonijiet kollha tiegħek jew li tieħu l-aħħar deċiżjoni għalik.



Minflok ma tmur il-Qorti jew il-Bord dwar il-Kustodja (Guardianship Board), tmur għand grupp ġdid jismu l-Bord għas-Salvagwardja tal-Awtonomija Personali.



Dan il-Bord jgħin lin-nies isibu sapport biex jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom stess. Dan jissejjaħ **Teħid Appoġġjat ta' Deċiżjonijiet** (Supported Decision-Making).

## X'SE TBIDDEL DIN IL-LIĠI L-ĠDIDA?



Il-Bord jgħinek tagħżel persuna li tafda.
Din tissejjaħ **Persuna ta' Appoġġ**.



**Il-Persuna ta' Appoġġ** tgħinek tieħu deċiżjonijiet fil-ħajja ta' kuljum. Hi ma tiddeċidiex għalik, imma tgħinek tiddeċiedi.



Xi drabi tgħinek f'affarijiet żgħar.

Xi drabi f'oħrajn aktar importanti.

Xi drabi tiddeċiedu flimkien.



Dan jissejjaħ **Appoġġ**.
Meta tieħu deċiżjonijiet b'din l-għajnuna, dawn jissejħu **Deċiżjonijiet Appoġġjati**.

## GĦALIEX QED INBIDDLU L-LIĠI?



Nemmnu li kulħadd għandu dritt jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu.
Ħadd m'għandu jiddeċiedi għalik, ħlief meta dan ikun verament impossibbli.



Pereżempju, jekk il-persuna tkun f'koma, ma tistax tieħu deċiżjonijiet.



Malta ffirmat ftehim importanti.



Dan il-ftehim jissejjaħ **il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.**



Dan il-ftehim jgħid li persuni b'diżabilità għandhom drittijiet bħal kulħadd.



Wieħed minn dawn id-drittijiet huwa d-dritt għal Teħid Appoġġjat ta' Deċiżjonijiet (Supported Decision-Making).
Jiġifieri li jkollok għajnuna biex tieħu d-deċiżjonijiet tiegħek.

## GĦALIEX JISSEJJAĦ L-ATT DWAR L-AWTONOMIJA PERSONALI?



Awtonomija tfisser li tkun liberu tieħu d-deċiżjonijiet tiegħek.



Din il-liġi l-ġdida tagħti d-dritt biex tiddeċiedi inti stess.
Jekk ikun hemm bżonn, tieħu d-deċiżjoni bl-għajnuna.

# X'SE TBIDDEL DIN IL-LIĠI?

Din il-liġi se tbiddel liġijiet oħra f'Malta.

Se żżid regoli ġodda dwar **Teħid Appoġġjat ta' Deċiżjonijiet** (Supported Decision-Making) f'liġijiet oħra. Deċiżjonijiet Appoġġjati huma d-deċiżjonijiet li jsiru bl-għajnuna tal-persuna li tafda jew tal-Bord għas-Salvagwardja tal-Awtonomija Personali.

Dan jgħin biex niżguraw li l-persuni jirċievu l-għajnuna li għandhom bżonn biex jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom.

# IL-BORD GĦAS-SALVAGWARDJA TAL-AWTONOMIJA PERSONALI

Il-Bord dwar il-Kustodja (Guardianship Board), jiġifieri l-bord l-antik, se jitneħħa.

Minflok se jkun hemm il-Bord għas-Salvagwardja tal-Awtonomija Personali. Dan se jkun il-Bord il-ġdid.

Il-kelma salvagwardja tfisser protezzjoni.

# MIN SE JKUN FUQ DAN IL-BORD?

Il-Bord il-ġdid se jkollu bejn 5 u 6 membri.
Il-membri tal-Bord se jkunu:

Eks-Imħallef, Eks-Maġistrat jew Avukat, li jaf dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

Persuna magħżula mill-Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

Persuna magħżula mill-Kummissarju għall-Anzjani.

Persuna magħżula mill-Kummissarju għas-Saħħa Mentali.

Persuna magħżula mill-Aġenzija li toffri Sapport lill-Vittmi.

L-Aġenzija li toffri Sapport lill-Vittmi hija uffiċċju tal-Gvern li tista' tkellem persuna jekk tħoss li kienet vittma ta' xi abbuż.

Tista' tiżdied ukoll persuna li tkun taf dwar il-psikoloġija, counselling, jew social work.

Jekk membru wieħed mill-ħamsa ma jistax jattendi, għaliex pereżempju ma jiflaħx, jista' jiżdied membru ieħor għal dik il-laqgħa.

Il-membri se jkunu magħżulin għal 3 snin.

Jistgħu jerġgħu jkunu magħżulin għal 3 snin oħra.

Jekk iridu jkunu fil-Bord wara li jagħmlu sitt snin, iridu jistennew 3 snin biex jerġgħu japplikaw.

# MIN MA JISTAX IKUN FUQ IL-BORD?

Persuna ma tistax tkun membru tal-Bord jekk:

- Hija Membru Parlamentari jew ta' Kunsill Lokali
- Ma tistax tagħmel ix-xogħol tal-Bord (anke jekk b'appoġġ)
- Għandha ħafna dejn u ma tistax tħallas lura
- Kienet xi darba serqet jew weġġgħet lil xi ħadd fiżikament

# AVVIŻI LEGALI

Il-Ministri għad-Diżabilità, Ġustizzja u Saħħa jistgħu jagħmlu iktar regoli.

# X'JAGĦMEL IL-BORD?

Jekk persuna trid għajnuna biex tieħu deċiżjonijiet, tista' tikteb lill-Bord.

Tista' titlob lill-Bord biex jagħtiha Persuna ta' Appoġġ.

Anke persuni oħra bħal qraba jew professjonisti jistgħu jiktbu lill-Bord jekk jaħsbu li persuna għandha bżonn appoġġ.

# KIF JAGĦŻEL PERSUNA TA' APPOĠĠ IL-BORD?



Biex jagħżel il-Persuna ta' Appoġġ, il-Bord irid jitkellem:

- Mal-persuna li għandha bżonn appoġġ
- Ma' nies oħra li jafu lill-persuna sew, bħal qraba, tobba, jew social workers



Il-persuna b'diżabilità trid tkun involuta sew.



Il-Bord irid jgħin lill-persuna b'diżabilità tikkomunika permezz ta' affarijiet bħal:

- Tablet
- Interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali
- Li jiltaqgħu magħha d-dar



Il-Bord irid jara wkoll kif se jgħin lill-persuna b'diżabilità b'mod li jkun adattat għall-bżonnijiet partikolari tagħha. Per eżempju, jekk tkun ukoll persuna gay.



Dejjem għandu jsir sforz sabiex il-persuna ta' appoġġ li tinħatar tkun tal-għażla tal-persuna b'diżabilità.



Il-persuna b'diżabilità tista' tingħata avukat b'xejn biex jgħinha matul il-proċess.

# X'JARA L-BORD META JAGĦŻEL PERSUNA TA' APPOĠĠ?



Biex jagħżel Persuna ta' Appoġġ il-Bord jara:

- X'għandha bżonn il-persuna b'diżabilità
- Kif jipproteġi lill-persuna b'diżabilita' sew
- Id-drittijiet, ix-xewqat, u l-preferenzi tal-persuna b'diżabilità
- Li ħadd ma jkollu wisq kontroll fuq il-persuna b'diżabilità

## KEMM IDUM PERSUNA TA' APPOĠĠ




Persuna ta' Appoġġ tista' tgħinek sa sentejn.



Wara sentejn, il-Bord jerġa' jitkellem miegħek biex jara jekk għandekx bżonn l-għajnuna.



Int tista' titlob meeting mal-Bord qabel jgħaddu sentejn jekk jinqala' xi ħaġa.



Il-Bord jista' wkoll jiddeċiedi li jsir meeting ġdid.



Xi drabi jaf kull ma jkollok bżonn hu appoġġ għal ftit żmien.




F'dak il-każ, il-Bord jista' jagħtik Persuna ta' Appoġġ għal massimu ta' 26 ġimgħa.

## MIN JISTA' JKUN PERSUNA TA' APPOĠĠ?



Persuna ta' Appoġġ:

- Irid ikollha 18-il sena jew aktar
- Trid tkun tgħix Malta
- Trid taċċetta li tkun Persuna ta' Appoġġ

## ĦLAS GĦAL PERSUNI TA' APPOĠĠ



Normalment, il-Persuni ta' Appoġġ ma jitħallsux.



Imma jaf ikun hemm każijiet speċjali fejn il-Bord jiddeċiedi li Persuni ta' Appoġġ għandhom jitħallsu.

## META TINBIDEL IL-PERSUNA TA' APPOĠĠ



Jekk l-affarijiet ma jmorrux tajjeb, il-Bord jista' jibdel il-Persuna ta' Appoġġ tiegħek.



Int jew xi ħadd ieħor jista' jitlob il-bidla.



Il-Bord iħares lejn ir-raġunijiet u jiddeċiedi x'inhu l-aħjar.

# X'JIĠRI JEKK MA TISTAX ISSIB PERSUNA TA' APPOĠĠ?

Jekk ma ssibx persuna li tista' tgħinek, il-Bord għandu lista ta' nies li jistgħu jkunu Persuni ta' Appoġġ.

Dawn in-nies huma professjonali u jistgħu jkunu:

- Avukati
- Persuni li jagħtu pariri fil-liġi
- Social workers

Jekk ma tistax tħallas, il-Gvern jista' jħallas lill-Persuna ta' Appoġġ għalik.

Jekk il-Persuna ta' Appoġġ ma tagħmilx xogħolha sew, il-Bord jista' jneħħiha.

Tista' wkoll tmur il-qorti jekk taħseb li l-Persuna ta' Appoġġ ma mxietx sew miegħek.

# KIF JAĦDMU L-PERSUNI TA APPOĠĠ MAL-BORD

Persuna ta' Appoġġ tista' titkellem mal-Bord jekk għandha bżonn għajnuna biex tagħmel xogħolha.

Il-Bord jista':

- Jaqbel jew ma jaqbilx ma' dak li trid tagħmel il-Persuna ta' Appoġġ
- Jagħti parir lill-Persuna ta' Appoġġ
- Jieħu deċiżjonijiet oħra jekk hemm bżonn
- Ibiddel jew iwaqqaf ix-xogħol tal-Persuna ta' Appoġġ

Jekk il-Persuna ta' Appoġġ issegwi l-parir tal-Bord, ma jkollhiex problemi, sakemm ma tigdibx jew taħbi l-verità.

## META JISPIĊĊA L-APPOĠĠ?

Ix-xogħol tal-Persuna ta’ Appoġġ jispiċċa jekk:



- Il-persuna b’diżabilità m’għadx għandha bżonn l-għajnuna
- Il-Bord jiddeċiedi li ħa jwaqqaf ix-xogħol tal-Persuna ta’ Appoġġ
- Il-persuna b’diżabilità tmut



Jekk il-persuna b’diżabilità tmut, il-Persuna ta’ Appoġġ trid tgħid lill-Bord fi żmien ġimgħa.

## BIEX TIEĦU D-DEĊIŻJONIJIET TIEGĦEK

Il-liġi issa se tgħid li:



- Kulħadd huwa ndaqs
- Kulħadd jista’ jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu
- Jekk xi ħadd għandu bżonn għajnuna, jista’ jkollu Persuna ta’ Appoġġ

## REGOLI GĦALL-PERSUNI TA’ APPOĠĠ

Il-Persuni ta’ Appoġġ għandhom:



- Jirrispettaw ix-xewqat u l-għażliet tiegħek
- Jgħinuk tifhem l-affarijiet jekk għandek diffikultà
- Jgħinuk b'mod li jkun adattat għall-bżonnijiet partikolari tiegħek. Per eżempju, jekk inti mara b'diżabilità
- Jaħdmu miegħek biex id-drittijiet tiegħek jiġu rrispettati
- Jgħinuk kemm hemm bżonn
- Jevitaw li jimbuttawk biex tagħmel għażliet li ma tridx
- Dejjem jisimgħuk u jgħinuk tiddeċiedi inti

## LIĠIJIET OĦRA




Din il-liġi tbiddel ukoll xi affarijiet f'liġijiet oħra.



*L-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità*

Din hija liġi li tispjega x'għandha tagħmel persuna b' diżabilità, jew persuna qrib tagħha, jekk ikunu nkisru d-drittijiet tagħhom.

Issemmi wkoll kif il-Kummissjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) tista' tgħin lil persuna meta jiġri hekk.

Issa l-Kummissjoni ser ikollha d-dmir li tara li l-Persuni ta' Appoġġ jimxu sew ma' persuni b' diżabilità meta jkunu qed jgħinuhom.

Jekk ma jimxux sew, jistgħu jittieħdu passi.



*L-Att dwar is-Saħħa Mentali*

Din hija liġi dwar id-drittijiet ta' persuni li jsibu diffikultajiet fis-saħħa mentali tagħhom.



Il-Kummissarju għas-Saħħa Mentali, il-persuna responsabbli sabiex iħares id-drittijiet ta' dawn il-persuni, ser ikun jista' jissuġġerixxi li persuna tingħata Persuna ta' Appoġġ mill-Bord.



*L-Att dwar iż-Żwieġ*

Din il-liġi tispjega r-regoli sabiex tnejn min-nies ikunu jistgħu jiżżewġu.



Il-liġi mhux ser tibqa' tgħid li persuni li jsibu diffikultajiet fis-saħħa mentali tagħhom ma jistgħux jiżżewġu.



Minflok, jekk ikun hemm ħjiel li xi ħadd ikun ser jieħu vantaġġ minn persuna għax tkun tidher vulnerabbli, ikun jista' jintalab parir tad-Direttur risponsabbli għal adulti f'sitwazzjoni ta' vulnerabilità.